Nru./No. 20,937
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru, 2022
Friday, 7th October, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 14,029
Government Notices *14,029*

Avviż tal-Pulizija 14,030
Police Notice *14,030*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,030 - 14,032
Court Notices ..... *14,030 - 14,032*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1375

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 15 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'; u

Abbozz ta' Liġi Nru 16 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Att kontra *Money Laundering*.

Is-7 ta' Ottubru 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 1375

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 15 entitled the Agricultural Leases (Reletting) (Amendment) Act, 2022; and

Bill No. 16 entitled the Prevention of Money Laundering (Amendment) Act, 2022.

7th October 2022

Nru. 1376

ĦATRA TA' AĠENT ACCOUNTANT GENERAL

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 1376

APPOINTMENT OF ACTING ACCOUNTANT GENERAL

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance and Employment has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Marisabelle Azzopardi	Accountant General *Accountant General*	Teżor *Treasury*	24.10.2022-26.10.2022 31.10.2022-02.11.2022

Is-7 ta' Ottubru, 2022

7th October, 2022

Nru. 1377

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 23 ta' Frar, 2022, mogħtija mill-Imħallef N. S. Momin fil-Qorti ġewwa Chiplun, ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Is-7 ta' Ottubru, 2022

No. 1377

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 23rd February, 2022, issued by Judge N. S. Momin, at the Chiplun Court, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

7th October, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 175

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Iklin

Nhar is-Sibt, 29 ta' Ottubru, 2022, mis-6.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq Mons. Carmelo Aquilina, Triq Ġużè Pesci, Trejqet ir-Rumanzieri, Triq Karmenu Vassallo, Triq P. Marjanu Vella, Triq Ċensu Busuttil u Triq Anton Buttigieg.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Ottubru, 2022

POLICE NOTICE

No. 175

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Iklin

On Saturday, 29th October, 2022, from 6.00 p.m. till 8.30 p.m., through Triq Mons. Carmelo Aquilina, Triq Ġużè Pesci, Trejqet ir-Rumanzieri, Triq Karmenu Vassallo, Triq P. Marjanu Vella, Triq Ċensu Busuttil and Triq Anton Buttigieg.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

7th October, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1761

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Mejju, 2022, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament/penthouse internament immarkat bin-numru erbgħa (4), li jinsab fil-ħames (5) sular, (4th floor), fi blokk ta' apparatamenti bl-isem 'Dusfim' fi Triq San Ġwann Tal-Għargħar, San Ġwann, bid-dħul mill-istess imsemmija triq liema blokk ġie mibni fuq is-sit li qabel kien okkupat mid-dar li kellha n-numru uffiċjali erbatax (14), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, eskluż l-arja tiegħu kif suġġett għas-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu u huwa sovrapost u sottopost għal proprjetà ta' terzi, mill-bqija liberu u frank. Il-proprjetà għandha d-dritt tal-użu tal-partijiet komuni u servizzi tal-blokk, inkluż id-daħla prinċipali, l-indana, il-lift, ix-xaft tal-lift, l-indani, ix-xafts interjuri, it-taraġ, it-tromba tat-taraġ, id-drains u s-sistema tad-drenaġġ u l-ambjent u partijiet komuni kollha, is-servizzi u oġġetti inġenerali ġewwa l-blokk li huma intiżi għall-użu komuni mis-sidien tal-appartamenti li jinsabu fl-imsemmi blokk, liema dritt tal-użu jifforma parti integrali mill-appartament/penthouse, u jkun jista' jiġi trasferit lil terzi. Bid-dritt tal-użu tal-bejt limitat għall-installazzjoni, manutenzjoni u aċċess għal tank tal-ilma li ma jaċċedix il-kapaċità ta' ħames mitt litru (500L) u aerial/satellita tat-televixin, kif ukoll unit tal-aircondition fuq l-iktar parti għolja tal-bejt tal-blokk. Dan id-dritt però ma jagħtix drittijiet ta' kondominju lis-sidien tal-

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th May, 2022, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 10th November 2022 at half past eleven in the morning (11:30am), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment/penthouse internally marked with the number four (4), situated at the fourth floor level of a block of apartments named 'Dusfim' in Triq San Ġwann tal-Għargħar, San Ġwann, with entrance from the same said street, which block was built on the site previously occupied by the house officially numbered fourteen (14), with all its rights and appurtenances, excluding its airspace, as subject to its resulting servitudes from its position, underlying and overlying third party property, otherwise free and unencumbered. The property has the right of use of all the common parts and common services of the block, including the main doorway, entrance hall, the lift and the lift shaft, interior shafts, the staircase and the stairwell, the drains and the drainage system, and all other common areas, services and items in general of the block which are intended to be used in common by all the owners of the apartments in the said block, which said right of use shall form an integral part of the apartment/penthouse, and shall be freely transferable to third parties. With the right of use of the roof limited to the installation, maintenance and access to a water tank not exceeding five hundred litres (500L) in capacity and television aerial and/or satellite dish and air condition unit on the uppermost roof of the block, provided that such rights

appartamenti jew is-suċċessuri tagħhom fit-titlu u l-bejjiegħ oriġinali żamm id-dritt li jibni aktar sulari fuq il-bejt u l-arja tal-imsemmi blokk. Il-units il-ġodda riżultanti minn tali żvilupp addizzjonali jkunu jgawdu, skont id-diskrezzjoni tal-bejjiegħ oriġinali, mid-dritt proporzjonali ta' pussess/użu tal-partijiet komuni tal-blokk u dawk is-servitujiet kollha riżultanti minn tali żvilupp, kif ukoll id-dritt li jqabbdu mas-servizzi komuni u s-servitujiet riżultanti mill-pożizzjoni tagħhom fil-blokk. Il-bejjiegħ oriġinali jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu huma obbligati li jmexxu s-servizzi tas-sidien tal-appartamenti għall-bejt il-ġdid a spejjeż tagħhom jekk aktar żvilupp iseħħ, konfinanti mil-Lvant mal-imsemmija triq u min-Nofsinhar u mill-Punent ma' suċċessuri fit-titlu ta' Alexander Grech u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u tletin elf ewro (€235,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mifsud Joshua (KI 205478M) u Sant Maria Dolores (KI 367284M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 26/22.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 5 ta' Ottubru, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

shall not confer condominium rights to the purchasers and their successors in title and the vendor shall have/retain the right to build further additional storeys on the roof and airspace of the block, and the new units resulting from such additional development shall enjoy at the vendor company's discretion the proportional right of ownership/use of the common parts of the block and all such servitudes resulting from such development, as well as the right to communicate to the common services and to the servitudes resulting from their position within the block . The vendor company or its successors in title, shall be obliged to transfer the purchasers services to the new roof, at the vendor's sole expense, should such further development take place, bounded on the east by the said street, and on the south and west by property of the successors in title of Alexander Grech and is valued at two hundred and thirty five thousand euro (€235,000).

The said tenement is the property of Mifsud Joshua (ID 205478M) and Sant Maria Dolores (ID 367284M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 26/2022.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 5th October, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1762

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-16 ta' Settembru, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 561/2022AJD, li ġie ppreżentat fl-27 ta' Ġunju, 2022, fl-ismijiet Vella Maxlene vs Woodhead Dinahlee, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000), rappreżentanti prezz ta' stokk, armaturi u twellija tal-ħanut 'Two J's', Triq Salvu Cacciatolo, Iż-Żejtun, fit-termini tal-iskrittura privata datata 6 ta' Mejju, 2019. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax bl-ogħla rata permessa mil-liġi, kontra l-intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-14 ta' Ottubru, 2022, fit-8.55 a.m.

Notifika Intimat: Woodhead Dinahlee Flat 2 Block 5, Triq il-Ġnien, Santa Luċija

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Chamber, on 16th September, 2022, in the acts of Sworn Claim numru 561/2022AJD, which was presented on 27th June, 2022, in the names Vella Maxlene vs Woodhead Dinahlee, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the sum of twenty thousand euros (€20,000), being price of stock, furniture and the price of the shop 'Two J's', Triq Salvu Cacciatolo, Żejtun, in the terms of the private deed dated 6th May, 2019. With all costs and interest at the highest rate allowed by law, against the respondent who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 14th October, 2022, at 8.55 a.m.

Notification Respondent: Woodhead Dinahlee, Flat 2 Block 5, Triq il-Ġnien, Santa Luċija

Register of the Superior Courts, today 6th October, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1763

B'digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq rikors numru 1372/2022 ippreżentat minn John Tanti et fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Carmelo Tanti (KI 0195141M), żewġ Theresa Tanti, bin il-mejtin Michael Tanti u Giovanna née Abela, imwieled ir-Rabat, Malta, u miet Tal-Virtù, ir-Rabat, Malta, fil-21 ta' Jannar, 2022, ta' 80 sena.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru, 2022, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu (8.30 a.m.) fl-Awla 17, il-Qorti, Il-Belt Valletta, taħt il-ministeru tan-Nutar Nicolette Vella.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżidzzjoni Volontarja)
Illum 6 ta' Ottubru, 2022

CARMEN SCICLUNA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 6th of October, 2022 by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on an application number 1372/2022 filed by John Tanti et, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Carmelo Tanti (ID 0195141M), husband of Theresa Tanti, son of the late Michael Tanti and the late Giovanna née Abela, born in Rabat, Malta, and died in Tal-Virtù, Rabat, Malta, on the 21st of January, 2022, aged 80 years.

The opening and publication are going to be held on Thursday, 27th of October, 2022 at half past eight in the morning (8.30 a.m.) in Hall 17, at the Law Courts, Valletta, under the ministry of Notary Nicolette Vella.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)
Today the 6th of October, 2022

CARMEN SCICLUNA
f/ The Registrar Civil Courts and Tribunals

1764

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-4 ta' Ottubru, 2022, u dan wara Rikors b'numru 673/2022, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex isiru il-korrezzjonijiet jew anotazzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' Ganna Yuriivna Gerasymchuk sive Ganna Gerasymchuk li jġib in-numru 1078 tas-sena 2022, u – għall-fini ta' uniformità u korrettezza – fl-Att taż-Żwieġ tagħha li jġib in-numru 1366 tas-sena 2021 biex kull fejn jidher l-isem 'Yuriivna', dan jitneħħa u jiġi speċifikat li dan l-isem huwa biss l-isem patronimiku ta' Ganna Yuriivna Gerasymchuk sive Ganna Gerasymchuk u li m'għandux ikun formanti parti mill-isem ta' Ganna Yuriivna Gerasymchuk sive Ganna Gerasymchuk kif indikat fil-kolonni relattivi ta' dawn iż-żewġ Atti fuq imsemmija.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 6 ta' Ottubru, 2022

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 4th October 2022, and upon an application numbered 673/2022, ordered:

The Director of the Public Registry to make the necessary corrections or annotations in the Act of Birth of Ganna Yuriivna Gerasymchuk sive Ganna Gerasymchuk bearing the number 1078 of the year 2022, and – for the sake of uniformity and correctness – in her Act of Marriage bearing the number 1366 of the year 2021, so that wherever the name 'Yuriivna' appears, this is removed and it is specified that this name is only the patronymic name of Ganna Yuriivna Gerasymchuk sive Ganna Gerasymchuk and that it should not be part of the name of Ganna Yuriivna Gerasymchuk sive Ganna Gerasymchuk as indicated in the relative columns of these two aforementioned Acts.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 6th October, 2022

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603